Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 318 / 2019**

Il-Pulizija

vs

**Adrian Saliba**

Illum, 11 ta' Gunju, 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Adrian Saliba, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 384173M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fl-14/2/2019 ghal habta ta`14:30hrs bil-vettura TOYOTA (numru ta' registrazzjoni COR873) ġewwa TRIQ IL- GRANMASTRI, MARSASKALA:

[1] Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b`mod perikoluz (Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2));

[2] Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b`nuqqas ta kont (Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2));

[3] Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni (Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3));

[4] Waqt li kont qed issuq vettura bil-mutur, mort kontra is-sinjal tat-traffiku (No Entry) (L.S. 65.05 Artiklu 2 (II A (c)))

[5] Inqast li tobdi l-ordnijiet legittimi mghotija lilek mill-pulizija jew min ufficjal iehor ta` awtorita ohra waqt il-qadi ta` dmirijiethom, jew ma hallejtx, jew fixkilthom jew b`xi mod bla jedd indhalt fl-istess dmirijiet billi ma hallejthomx jaghmlu jew hassart dak li kienu qed jaghmlu. (Kap 9 Artiklu 338 (EE)).

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-Licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta` zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.-

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Novembru, 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-akkużi u l-liġi, ossia Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2), Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3), L.S. 65.05 Artiklu 2 (II A (c)) u Kap 9 Artiklu 338 (ee):

- illiberat lill-imputat mill-hames akkuza,
- sabitu hati tal-ewwel erba' akkuzi u:

▪ ikkundannatu jhallas il-multa komplessiva ta' tlett mitt euro (€300), liema multa ghandha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tithallas ratealment fuq medda ta' sitt (6) xhur b'effett mis-6 ta' Novembru 2019 permezz ta' pagamenti mensili ta' hamsin euro il-wiehed (€50) b'dan illi jekk ma jsirx il-hlas ta' xi wahda mir-rati, l-ammont shih li jkun fadal ghandu jkun dovut u jithallas minnufih u, fin-nuqqas ta' tali hlas, il-bilanċ ta' l-ammont dovut ghandu jkun awtomatikament konvertibbli fi prigunerija minghajr il-htiega ta' ebda att gudizzjarju iehor.

▪ skwalifikatu milli jzomm il-licenzja tas-sewqan għal zmien tlett (3) xhur u gimghatejn u ai termini tal-Art. 78 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 ordnatlu sabiex immedjatament jghaddi l-istess licenzja lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

▪ ai termini tal-Art. 36B u s-Sitt Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 tal-Ligijiet ta' Malta, imponit penali ta' tlett (3) punti fuq il-licenzja tas-sewqan tal-imputat liema punti ghandhom jigu mnizzla fid-database komputerizzata mizmuma ghal dan il-ghan mill-Awtorità dwar it-Trasport f'Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti Adrian Saliba minnu pprezentat fit-18 ta' Novembru, 2019, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa dan l-appell billi TIRRIFORMA s-sentenza appellata fejn filwaqt illi TIKKONFERMAHA f'dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti ma sabitux hati tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement illiberatu minnha, THASSAR U TIRREVOKA s-sentenza appellata fejn sabet lill-imputat hati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement TILLIBERAH minn kull htija u piena; jew alternattivament TIRRIFORMA s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz jew alternattivament TIRRIFORMA s-sentenza appellata billi tallulla s-sentenza appellata skond id-dettami tal-artikli relevanti mil- Artiklu 413 et seq. sal-Artiklu 429, specjalment bl-applikazzjoni tal-Artiklu 428 (3) Kapitolu 9 Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**A. Apprezzament Zbaljat tal-Provi Prodotti u tal-Ligi Applikabbli fir-rigward tal-Ewwel, tat-Tieni, tat-Tielet u tar-Raba' imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-appellant.**

Illi l-appellant jirrileva illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghamlet apprezzament hazin tal-provi migjuba quddiemha meta sabitu hati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u dan ghaliex fl-umli fehma tal-appellant, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellha qatt issib htija fl-appellant fir-rigward tal-ewwel erba` imputazzjonijiet sal-grad rikjest mill-ligi u ghaldaqstant waslet ghall-konkluzjoni li l-ewwel erba akkuzi kollha rrizultaw sodisfacament ippruvati sal-grad mehtieg mill-ligi.

Illi l-appellant jirrileva illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghamlet apprezzament hazin tal-provi migjuba quddiemha meta sabitu hati

tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, tar-raba' imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u dan ghaliex fl-umli fehma tal-appellant l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellha qatt issib htija fl-appellant fir-rigward ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Illi preliminarjament jigi rilevat illi fil-kaz odjern xehed anke l-appellant u ghalkemm kellu d-dritt illi jaghzel li ma jixhidx; pero` dan xehed u ta' l-verzjoni tieghu ta' kif graw il-fatti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Prim' Istanza. l-appellant waqt li kien qed isuq il-vettura tieghu tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni COR 873 nizel ghall Triq il-Qaliet, Marsaskala u dar ghall Triq il-Granmastri u waqaf fuq Stop Sign. Xhin ra li mhux gejjin karozzi mill-ebda naha`, hareg min fuq l-Stop Sign. Issa huwa u hiereg iltaqa mall-vettura l-ohra misjuqa bi speed eccessiv u zamm brejk ghax kienet niezla bi speed qawwi u s-sewwieq l-iehor dawwar il-vettura ghall karreggjata l-ohra biex jigi evitat l-incident ghax kienet diehla go fih. Huwa ra li ma gara` xejn u kompla ghall triqtu.

**<u>Ir-Raba`Imputazzjoni.</u>** Din l-imputazzjoni hija Waqt li kont qed issuq vettura bil-mutur, mort kontra is-sinjal tat-traffiku (No Entry).

Illi l-fatt li l-kuntistabbli Pc 282 Adrian Mackay ghamel l-affidavit tieghu, l-imputat imkien ma' ra jew ltaqa`mieghu fizikament. Il-kuntistabbli fl-affidavit tieghu qal u iddikjara "*Nhar l-Hamis 14 ta' Frar, 2019 ghal habta ta' 14.30 hrs, waqt li kont bil-pass gewwa Triq il-Qaliet, Marsaskala, innutajt vettura bin-numru tar-registrazzjoni COR873 tal-ghamla Toyota hierga minn Triq il-Granmastri, Marsaskala ghal got-triq il-Qaliet,* ***kontra t-tabella tar-"wrong way***".

Issa l-ewwel nett il-Legislazzjoni Sussidjarja 65.05 REGOLAMENTI DWAR IS-SINJALI TAT-TRAFFIKU U L-MARKI TAL-KARREGGATA tesigi fl-Artiklu 2 Skeda (Regolament 2) Taqsima II Sinjali Regolatorji A (c ) Ma Tistax Iddur Lura tabella numru (4) **Dan is-sinjal jipprojbixxi li jidhol it-traffiku fi triq jew f'parti minn triq u jitqieghed fil-post fejn tibda l-projbizzjoni.** Dan ir-regolament bit-tabella numru (4)

jesigi li s-sinjal jipprojbixxi li jidhol it-traffiku fi triq jew f'parti minn triq u jitqieghed fil-post fejn tibda l-projbizzjoni. Issa l-imputazzjoni hija li **"Waqt li kont qed issuq vettura bil-mutur, mort kontra is-sinjal tat-traffiku (No Entry)".** Ghalhekk s-sinjal tat-tabella numru (4) jipprijbixxi li jidhol it-traffiku fi triq jew f'parti minn triq u jitqieghed fil-post fejn tibda l-projbizzjoni. Igifieri l-ligi fiha zewg ghazliet; jew (1) is-sinjal li jipprojbixxi li jidhol it-traffiku fi triq jew (2) is-sinjal li jipprojbixxi li jidhol it-traffiku **f'parti** minn triq u fit-tnejn li huma (1) u (2) is-sinjal **jitqieghed fil-post fejn tibda l-projbizzjoni**. Issa l-kuntistabbli Pc 282 Adrian Mackay kulma qalilna fl-affidavit tieghu huwa li "……innutajt vettura bin-numru tar-registrazzjoni COR873 tal-ghamla Toyota hierga minn Triq il-Granmastri, Marsaskala ghal got-triq il-Qaliet, kontra t-tabella tar-"wrong way". Pero` l-kuntistabbli imkien ma qalilna fl-affidavit tieghu minn fejn tibda l-projbizzjoni li jidhol it-traffiku fi triq il-Granmastri u/jew triq il-Qaliet Marsaskala u lanqas qalilna humiex parti mit-triqat imsemmija, t-traffiku kienx projbit li jidhol u lanqas qalilna fejn kienet it-tabella tar "wrong way" u fejn jispiccaw it-tabelli tal "wrong way".

Dan apparti li l-ligi ma tghidilnix ***"kontra it-tabella tar-"wrong way"*** kif rajna fir-regolament hawn. Il-ligi tghid li **s-sinjal tat-tabella numru (4) jipprijbixxi li jidhol it-traffiku fi triq jew f'parti minn triq u jitqieghed fil-post fejn tibda l-projbizzjoni**. Dan apparti li l-imputazzjoni hija **Waqt li kont qed issuq vettura bil-mutur, mort kontra is-sinjal tat-traffiku (No Entry) (L.S. 65.05. Artiklu 2 (II A (c ) ).** Issa ir-regolament propja huwa Legislazzjoni Sussidjarja 65.05 REGOLAMENTI DWAR IS-SINJALI TAT-TRAFFIKU U L-MARKI TAL-KARREGGATA tesigi fl-Artiklu 2 Skeda (Regolament 2) Taqsima II Sinjali Regolatorji A (c ) Ma Tistax Iddur Lura tabella numru (4) Dan is-sinjal jipprojbixxi li jidhol it-traffiku fi triq jew f'parti minn triq u jitqieghed fil-post fejn tibda l-projbizzjoni **u mhux (L.S. 65.05. Artiklu 2 (II A (c ) ).**

Bir-rispett kollu, l-kuntistabbli ma qalilnix id-dettalji tal-"wrong way " jekk kienetx sinjal tat-traffiku (No Entry) kif hemm fl-imputazzjoni jew xi tip ta' projbizzjoni ohra kif qal huwa fl-affidavit tieghu u lanqas ma qalilna fejn kienet tinsab din it-tabella tar-

"wrong way" jew (No Entry) kif hemm fl-imputazzjoni, li dahal kontrija l-imputat. F'pajjizna hawn diversi tabelli mghottija bil-frieghi tas-sigar, imkissra, maghwga, maqluha u ghall hafna raguni ohra ma jidhrux u li rarament li wiehed jara isiru xi tip ta' manutenzjoni taghhom minn l-Awtorita` tat- Trasport Ta' Malta.

Ghalhekk l-imputat qatt ma' seta` jinstab hati ta' din l-imputazzjoni numru (4) ghaliex kif gie hawn spjegat mill-appellant ma gewx spjegati c-cirkostanzi kollha kif trid il-ligi la mill-kuntistabbli u lanqas mix-xhud Elizabeth Chetcuti. Ghall kuntrarju, l-imputat ta'd-dettalji kollha tal-incident. L-appellant fix-xiehda tieghu qal li ma rax l-ebda sinjal la ta' xi sinjal tat-traffiku (No Entry) u lanqas xi tabella tar-"Wrong way" kif qalilna l-kuntistabbli. Bir-rispett kollu l-Ewwel Qorti tal-Prim'Istanza ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti u tal-ligi applikabbli fir-rigward tar-Raba' imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat illum appellant.

**<u>L-ewwel imputazzjoni. soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b'mod perikoluz (Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (2).</u>**

Konsegwentament, la r-raba`imputazzjoni hija monka ghax il-kuntistabbli ma' taghnix id-dettalji u cirkostanzi kollha fl-affidavit tieghu tant mehtiega sabiex l-imputat jinstab hati tal-imputazzjonijiet kollha, specjalment tar-raba`imputazzjoni u ghall kuntrarju l-appellant taghna bix-xhieda tieghu d-dettalji kollha tal-kaz sabiex huwa johrog illiberat mill-imputazzjoinijiet kollha fil-konfront tieghu, l-Onorabbli Qorti tal-Prim'Istanza lanqas kellha issib htija tal-Ewwel imputazzjoni; igifieri li l-imputat saq il-vettura bil-mutur tieghu COR873 fil-14 ta' Frar, 2019 ghal habta ta' 14.30 hrs b'mod perikoluz. Ghall mistoqsija tad-difiza jekk l-appellant saqx il-vettura tieghu b'mod perikoluz huwa wiegeb li hareg bil-mod hafna minn fuq l-Stop Sign kemm kemm jitharrek u dan ghall kuntrarju tal-vettura misjuqa minn Elizabeth Chetcuti li kienet tinstaq bi speed qawwi u ghalhekk huwa zamm brejk.

L-Onorabbli Qorti tal-Prim' Istanza kellha tirrileva li ma' sehhitx l-ebda kullizjoni bejn il-vetturi u izjed u izjed ma' jirrizultax li kien hemm xi danni subiti fuq xi vettura. L-Onorabbli Qorti jista jkun li hadet kunsiderazzjoni biss tax-xhieda ipotetika tal-kuntistabbli Pc 282 Adrian Mackay meta fl-affidavit tieghu iddikjara "***Din l-istess vettura x'hin waslet kantuniera ma triq il-Qaliet kienet ha tahbat ma vettura ohra, liema kullizjoni ma saritx ghaliex ix-xufiera tal-vettura l-ohra li kienet niezla minn triq il-Qaliet kienet mohha hemm bizzejjed biex fil-pront waqqfet il- vettura taghha biex ma tahbatx mieghu***". Pero` ghalkemm il-pulizija ma' qalx liema vettura ghamlet il-kontravenzjoni, hux dik il-vettura misjuqa minn Elizabeth Chetcuti jew dik il-vettura misjuqa mill-imputat u lanqas ma semma x'tip ta' kontravenzjoni saret, huwa iddeskriva b'tant dettalji kwazi drammatizzati lis-sewwieqa femminili.

Illi minghajr pregudizzju ghall dak suespost f'dan l-appell ghar-rigward ir-raba` imputazzjoni, f'din is-sitwazzjoni li sab ruhu fiha l-appellant, igifieri li jigi imputat b'kontravenzjoni u imbaghad jigi imputat ukoll b' sewqan b'mod perikoluz, b'nuqqas ta' kont u bi traskuragni u jinstab hati ta' dawn l-imputazzjonjiet, hija kwazi redikola u ma' tamilx sens. Allahares kull min sempliciment jinstab hati ta' kontravenzjoni tat-traffiku (dejjem minghajr pregudizzju ghall dak li ntqal qabel hawn fuq) jizdidulu wkoll **d-delitti** (mhux kontravenzjonijiet) tas-sewqan b'mod perikoluz, b'nuqqas ta' kont u bi traskuragni u konsegwentament jinstab hati taghhom u jigi ikkundannat b'multa (piena ghad-delitti mhux kontravenzjonijiet) u jigi sospiz mill-licenzji tas-sewqan u jitnaqsulu l-punti.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D. **Appell Nru: 163/2017** deciza fit-30 ta' Ottubru 2019, **Il-Pulizija (Spettur Jonathan Ferris) vs Jesmond Micallef** l-Onorabbli Qorti kwotat diversi decizjonijiet u qalet fost affarijiet ohra "Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Aldo Muscat**" [27.5.04] ), jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "Degree". (App.Krim. **Pul. vs. Charles Bartolo** [14.3.59] ; **Pul. vs. Wilson**, Vol. XXXIX p. 1018 u **Pul. vs. Alfred Vella**, Vol. XLIV ; p. 933) u kif jidhru wara xulxin

huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. **Pul. vs. Hardingham** , [19.10.1963]) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim. **Pul. vs. Charles Farrugia** XXXIX p. 1018.) "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye". (App. Krim. **Pul. vs. Joseph Aquilina** , 20.4.1963) . Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. **Pul. vs. Antonio Spiteri** , Vol. XLIV , p.892. ) [11].

Illi f'din l-istess sentenza deciza fit-30 ta' Ottubru 2019, l-Onorabbli Qorti tal-Appell kompliet tghid "ma hemmx dubju li l-fatt li driver jitlef il-kontroll tal-karozza w jispicca fuq in-naha l-hazina tat-triq minnu innifsu hija prova ndizjarja jew "circumstantial evidence" li tohloq "presumption of fact" ta' sewqan hazin, ghax driver suppost li jkollu l-vettura tieghu dejjem taht kontroll." [**App. Krim. Pulizija vs. Neville John Psaila; 20.3.2003**]. Imma f'dan il-kaz in kwistjoni, id-driver Adrian Saliba Corrado l-appellant **qatt ma' tilef il-kontrol tal-vettura tieghu** bhalma gara` fil-kaz citat hawn u ghalhekk l-appellant ma kienx isuq b'mod perikoluz, jew bla kont jew bi traskuragni.

Ta' importanza kbira hija ukoll is-sentenza Fl-Appell Kriminali per Onor Vincent Degaetano LL.D. deciz 6 ta' Mejju, 1997, **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** fejn l-Onorabbli Qorti iddeskriviet is-sewqan perikoluz bhala (dangerous driving) jirrekjedi li fil-kaz partikulari, is-sewqan kien ta' periklu ghall terzi jew ghal proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi kienx hemm dan il-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-hin u l-lokalita` tal-incident u l-prezenza o meno tat-traffiku jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz partikulari, l-appellant xehed illi huwa nizel minn Triq il-Qaliet, Marsaskala, dar ghall Triq il-Granmastri waqaf fuq Stop Sign u xhin ra li mhux gejjin karozzi mill-ebda naha`, hareg min fuq l-Stop Sign. Issa huwa u hiereg iltaqa mall-vettura l-ohra u zamm brejk ghax kienet niezla bi speed

---

[1] **Pulizija vs Alfonso Abela** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono nhar l-10 ta' Marzu 2005.

qawwi.  Huwa ra li ma gara` xejn u kompla ghall triqtu. L-appellant xehed illi huwa nizel minn Triq il-Qaliet, Marsaskala, dar ghall Triq il-Granmastri u xhin ra li mhux gejjin karozzi mill-ebda naha`, hareg min fuq l-Stop Sign.  Issa huwa u hiereg iltaqa mall-vettura l-ohra u zamm brejk ghax kienet niezla bi speed qawwi.  Huwa ra li ma gara` xejn u kompla ghall triqtu.

Dan minghajr pregudizzju li fix-xhieda tal-appellant, ghall mistoqsija diretta tal-avukat difensur tieghu, kif kien qed isuq f'dik il-gurnata partikolari, hin u post, huwa wiegeb li kien isuq b'mod bil-mod hafna u ddeskriva l-mod ta' kif kien qed isuq lil Onorabbli Qorti u wiegeb li ma kienx isuq la b'mod perikoluz, la b'nuqqas ta' kont u lanqas b'mod traskurat.  L-Onorabbli Qorti tal-Prim'Istanza bir-rispett kollu skartat ix-xhieda kollha tal-appellant u hadet in konsiderazzjini partijiet li ddikjara l-kuntistabbli Pc 282 u partijiet li xehdet Elizabeth Chetcuti, anke jekk kienet xhieda u/jew dikjarazzjonijiet ipotetici u li ma'sehhux.

Illi fil-fehma umli tal-appellant, huwa irnexxilu jipprova lil-Qorti tal-Prim'Istanza sal-grad tal-probabli li huwa kien qed isuq sewqan normali, anzi bil-mod hafna meta hareg minn fuq l-Stop Sign u anke qabel, minghajr perikolu ta' xejn, bil-kont u minghajr traskuragni.  Imma l-Onorabbli Qorti ghogobha teskludi dan kollu ghar-ragunijiet li l-appellant ma' jafhomx.  Izjed minhekk, l-imputat mhux tenut li jipprova l-kaz tieghu izjed mill-grad tal-probabli, imma hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha minghajr l-ebda dubju dettat mir-raguni.  Anzi l-imputat lanqas huwa mistenni li jaghti x-xiehda tieghu u jinkrimina lilu innifsu; pero` l-appellant xehed u xehed b'mod konsistenti hafna quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza.

Illi kif intqal qabel, biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" **<u>(App. Krim. Pul. vs. Charles Farrugia XXXIX p. 1018.).</u>** "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye" li f'dan il-kaz zgur li ma garax hekk ghaliex kieku gara` hekk, il-vetturi habtu u sehhet kullizjoni.

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **<u>Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt</u>**[2] "Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."

Illi fil-kaz hawn appellat, kien hemm verzjonijiet kontradittorji bejn dak li xehed l-appellant u bejn dak li xehdet Elizabeth Chetcuti u anke dak li iddikjara fl-affidavit tieghu il-kuntistabbli PC 282 Adrian Mackay. Il-kuntistabbli fl-ebda hin ma qal lil appellant ghaliex kien se johroglu l-akkuzi fil-konfront tieghu. Il-kuntistabbli lanqas qal lill-appellant li kien se johroglu l-akkuzi fil-konfront tieghu ghaliex saq il-vettura tieghu b'mod perikuluz u b'nuqqas ta' kont u bi traskuragni u li saq il-vettura tieghu "***kontra t-tabella tal-"wrong way"***. Imma l-kuntistabbli qal lil appellant skond huwa, sabiex "….ghedtlu biex jerga jigi fuq il-post biex nkellmu…".

Din l-Onorabbli Qorti ghandha taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Qorti tal-Prim' Istanza setghetx tasal b'mod "safe and satisfactory" fuq il-provi li kellha quddiemha ghall-konkluzzjoni ta' htija fl-ewwel erba`imputazzjonijiet.

**<u>It-Tieni imputazzjoni. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b'nuqqas ta' kont (Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (2).</u>**

---

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-1 ta Dicembru 1994.

Fil-kawza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Gellel** deciza fid-19 ta' Frar, 2004, gie ritenut mill-Onorabli Qorti hekk kif kienet diversament preseduta fuq *" jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. v. Charles Bartolo, 13, Pol. v. Wilson 14 u Pul. v. Alfred Vella15 u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. Pul. v. Hardingham16,. Gie wkoll ritenut li "Biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz jehtieg mod ta' sewqan li juri certu grad ta' recklessness u nonkuranza tali li jigi krejat perikolu u mhux bizzejjed li fil-kaz partikolari kien hemm potenzjalita' ta' perikolu ." (App. Krim. Pul. v. Charles Farrugia 17]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. v. Joseph Aquilina18, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. v. Antonio Spiteri*. Vol. XLIV iv 892)"

Fil-kawza **The Police vs. Gunner Brian Wilson** deciza mill-qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-7 ta Mejju 1955, il-Qorti qalet "It is not easy to formulate in words the difference between dangerous driving and negligent driving. There are cases which are on the face of them glaring instances of dangerous driving. Other cases are absolutely cases of negligence. It is the borderline cases that require consideration in the light of the difference between negligent and careless driving on the one hand and dangerous driving on the other and where the difficulty arises. It is safe to say that the difficulty is a question of degree, which is in the sense that dangerous driving implies something more serious than mere careless driving." Dan gie rietut piu`o meno fis-sentenza tal-Appell Kriminali deciza fid-9 ta Marzu 1959 **Il-Pulizija vs. Manwel Mallia.**

Fl-Appell Kriminali deciz fit-3 ta' Mejju 1953 (Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108) **Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes,** il-Qorti qalet "sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari." F'dan l-appell *de quo*, jekk kien hemm, kien hemm biss semplici ksur ta' normi regolamentari u dan

minghajr pregudizzju ghar-raba` imputazzjoni kif inghad iktar 'il fuq. Id-delitt ta' sewqan perikoluz jimplika xi haga izjed serja minn sewqan bi traskuragni (careless driving) jew b'nuqqas ta' kont (recklessness). Fil-fatt Sub-artiklu (2) tal-Artikolu 15 tal-Kap 65 Ligijiet ta' Malta jghid li meta ir-reat ikun jikkonsisti f'sewqan ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni kbira jew b'mod perikoluz, il-Qorti b'zieda mal-piena taht is-subartikolu (1), ghandha tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan.

Igifieri ir-reat irid ikun jikkonsisti f'sewqan ta' vettura bil-mutur **<u>bi traskuragni kbira jew b'mod perikoluz</u>**, li mhux il-kaz fil-kaz odjern ta' dan l-appell, ghax kif rajna min imkien ma' jirrizulta li kien hemm kaz ta' sewqan bi traskuragni kbira jew b'mod perikoluz, tant li lanqas sahansitra l-kuntistabli ma qal lil appellant li se jharrku u johroglu l-akkuzi fuq sewqan bi traskuragni kbira jew b'mod perikoluz. Lanqas Elizabeth Chetcuti ma xehdet dan. Imma b'kuntrast ma dan, l-appellant xehed li kien isuq b'mod normali hafna, bil-mod u mhux b'mod perikoluz, jew b'nuqqas ta' kont jew bi traskuragni. Pero` sfortunatament ghall appellant, dak li xehed huwa ma ttehidx in konsiderazzjoni mill-Onorabbli Qorti tal-ewwel grad.

**<u>It-Tielet Imputazzjoni. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskurgni (Kap 65 Artiklu 15(1)(a)(3).</u>**

Fil-Qorti tal-Appell Kriminali Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can) **Appell Nru: 459 / 2016 <u>Il-Pulizija vs Jason Bartolo</u>** deciza fit-3 t'Ottubro, 2019, l-Onorabbli Qorti qalet li l-gurista Sir Anthony Mamo, fin-noti tieghu, jispjega illi ghalkemm il-frazijiet "nuqqas ta' hsieb" u "traskuragni" mhumiex moghtija definizzjoni mil-ligi pero' jkompli jghid li "it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances". Illi l-appellant isostni li t-tabella tal-"no entry" ma dehret imkien u huwa ma'rahiex u lanqas il-kuntistabbli (ghalkemm ma deherx imkien) ma gibed l-attenzjoni taghha xhin cempel lill-appellant. Il-kuntistabbli qallu biss li ried

ikellmu (lill-appellant) u ma' qallux ghaliex ried ikellmu. Il-prekawzjonijiet u l-kura (care and precautions) li kien hemm bzonn jiehu fis-sewqan l-appellant u fic-cirkostanzi hadhom fil-fatt huwa u hiereg minn fuq l-Stop Sign.

Il-Professur Mamo jkompli jsostni li, "the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen". Sabiex jenforza t-tezi tieghu, Mamo jaghmel referenza ghat-taghlim ta' Francesco Carrara, u jikkwotah kif segwenti – "Il non aver previsto la conseguenza offensiva sconfina la colpa dal dolo. Il non averla potuto prevedere, sconfine il caso dalla colpa".[3]

Il-fil-kaz in ezami la kien hemm colpa del dolo u lanqas colpa ghax fil-fatt ma' gara`l-ebda incident u ma sehhet l-ebda kullizjoni. Kazijiet ta' x'seta`gara` u x'seta`sehh kif qal fl-affidavit tieghu l-kuntistabbli u kif xehdet Elizabeth Chetcuti, huma ipotetici u irrelevanti ghall kaz odjern.

Fil-kaz in ezami, l-appellant ma setax jara la t-tabella tal-one way u lanqas il-karozza l-ohra (the possibility of foreseeing the event which has not been foreseen bhalma jghid il-Professur Mamo)u ghalhekk qatt ma seta` kien negligenti jew traskurat fis-sewqan tieghu.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Richard Grech**[4] It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero', il-hsara tkun prevedibbli, ghalkemm mhux prevista: kieku kienet ukoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni pozittiva indiretta.

Fl-Appell Kriminali per Onor Vincent Degaetano LL.D. deciz 6 ta' Mejju, 1997 (li hu kaz li s-sewwieq saq mhux fuq in-naha tax-xellug tat-triq u saq il-vettura kontra s-sinjal tat-traffiku indikat f'dik il-lokalita) **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**, il-Qorti qalet li sewqan

---

[3] pgs 18-19
[4] op. cit. pg 19

bla kont hu deskritt bhala sewqan bi trasskuragni kbira u jikkontempla sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita` ta hsara li tista tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.

**It-Tieni Aggravju. Nuqqas taz-zamma tal-Formalita` tas-Sentenza mill-Onorabbli Qorti tal-Prim 'Istanza skond l-Artikolu 382, Artiklu 419 u Artiklu 428 tal-Kapitolu 9 Ligijiet ta' Malta.**

L-Artikolu 382 jistipula "***Il-Qorti meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat***".

Fis-sentenza tal-Qorti Tal-Appell Kriminali (Inferjuri) **Numru 242/2014** per Onor Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. deciza fis-17 t'Ottubru, 2019, **Il-Pulizija (Supt Michael Mallia) vs Mel Spiteri,** il-Qorti annullat is-sentenza *ex officio* ghaliex ma gewx osservati l-formalitajiet li trid il-ligi fl-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 Ligijiet ta' Malta u li huma formolitajiet ***ad validitatum***. Fost dawn l-formalitajiet, l-Artiklu 382 Kap 9 isemmi li l-Qorti fis-sentenza taghha ghandha tghid il-fatti li taghhom l-imputat ikun instab hati u li fil-kaz in ezami l-Onorabbli Qorti dan m'ghamlitux. Fil-kaz in ezami, meta wiehed josserva s-sentenza tal-Prim'Istanza m'hemmx il-fatti ghaliex l-imputat Adrian Saliba Corrado instab hati.

Fl-istess sentenza citata tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) **Il-Pulizija (Supt Michael Mallia) vs Mel Spiteri** il-Qorti ticcita sentenzi ohra li huma validissimi u japplikaw ghall-istess Artikolu 382 Kap 9 Kodici Kriminali. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deciza fil-15 ta' Marzu, 2012 **App. Krim. Numru 171/2011 Il-Pulizija (Spettur Pierre Micallef Grimaud) vs Joseph Agius**, l-Onorabbli Qorti qalet (pg 11) "*Ovvjament la l-Qorti hija marbuta illi taghti l-fatti li taghhom l-appellant ikun gie misjub hati, tfisser illi ghandu jkun hemm id-dikjarazzjoni tal-htija ghax altrimenti huwa inutile li ssemmi l-*

*fatti. In-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' htija twassal ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali bhal ma wkoll hija suggetta ghall-istess censura n-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' x'hix l-akkuzat qed jinstab hati."*

**<u>(C) It-Tielet Aggravju. Il-Piena Erogata.</u>**

Illi l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti fejn huwa gie ikkundannat **multa komplessiva ta' tlett mitt ewro (300 ewro)** pagabbli fuq medda ta' sitt (6) xhur permezz ta' pagamenti mensili ta' hamsin ewro (50 ewro) b'effett mill-6 ta' Novembru, 2019 u **ssospendiet il-licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur) u gimghatejn** minn nofs il-lejl tal-5 ta' Novembru, 2019 u ai termini tal-Artikolu 78 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 ordnatlu sabiex immedjatament jghaddi l-licenzja tas-sewqan lill-AAwtorita` ghat-Transport f'Malta. Il-Qorti **imponiet tlett (3) punti penali fuq l-istess licenzja**.

Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, l-piena applikata ghandha tinbidel ghall wahda iktar idonea u li tapplika ghal kaz in ezami. Dan ghaliex apparti r-ragunijiet li ta l-appellant fl-ewwel aggravju tieghu, is-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett xhur u gimghatejn minn nofs il-lejl tal-5 ta' Novembru, 2019 mhix se tghin lil l-imputat sabiex ikompli fil-hidma tieghu tax-xoghol bhala Supervisor mal-HSBC plc Hal Qormi, Malta. L-appellant ghandu bzonn li jkollu il-licenzja tas-sewqan ukoll ghaliex spiss ikun irid johrog barra fuq xoghol tal-bank sabiex jiltaqa`mal-klijenti tal-istess bank. Barra minhekk, l-appellant huwa l-uniku sewwieq fejn iz-zewg genituri tieghu jghamlu uzu mill-karozza tieghu sabiex huwa jehodhom l-isptar Mate Dei jew visti ghand it-tabib tal-familja l-Fgura.

Missier l-appellant, Vincent Saliba, li ghandu eta` ta' tminja u sebghin sena (78) huwa bniedem b'dizabilita` permanenti u bi problem kbar ta' mobilita. Peress li l-appellant jirrisjedi hafna drabi fil-gzira Ghawdxija u wkoll gie li jghix fil-gzira ta' Malta, huwa ghandu bzonn il-mezz ta' tasport tieghu bil-karozza u ghalhekk is-sospenzjoni tal-

licenzja tras-sewqan ghall zmien tlett xhur u gimghatejn se tkun dizastruza ghalieh u ghal genituri tieghu, specjalment missieru.

Wkoll, l-appellant ghandu ***Acute Ashma*** u ghalhekk huwa ghandu bzonn il-licenzja tas-sewqan sabiex ikun jista jsuq il-karozza tieghu. Anke id-dirigenti tal-Bank HSBC plc taw lill-appellant **special parking** fej ikun jista jipparkja fuq il-post tax-xoghol tieghu minhabba l-kundizzjoni li ghandu.

Ikkunsidrat;

Illi **PC 282 Adrian Mackay** ta x-xhieda tieghu permezz ta' affidavit mahluf nhar l-1 ta' Marzu, 2019 fejn stqarr li nhar il-Hamis 14 ta' Frar, 2019 ghall-habta tas-14.30p.m waqt li kien bil-pass gewwa Triq il-Qaliet, M'scala innota vettura bn-numru ta' registrazzjoni COR 873 tal-ghamla Toyota hierga minn Triq il- Granmastri, Marsaskala ghal got triq il-Qaliet, kontra it-tabella tar-*wrong way*. Din l-istess vettura appena waslet kantuniera ma triq il-Qaliet kienet ha tahbat ma vettura ohra, liema kollizzjoni ma saritx ghaliex ix-xuffiera tal-vettura l-ohra li kienet nizla minn triq il-Qaliet kienet mohha hemm bizzejjed biex fil-pront waqfet il-vettura taghha biex ma tahbatx mieghu.

Dan ix-xuffier maskili, x'hin raha hemm lanqas indenja ruhu jinzel mill-vettura biex jistaqsi lis-sinjura tal-vettura l-ohra li evidentement kellha qata' kbira fuqha jekk hux kollox sew, izda qabad u telaq 'l fuq minn triq il-Qaliet direzzjoni ghac-Cerviola Hotel. Malli ra hekk ha n-numru ta' registrazzjoni tal-vettura li ghamlet l-kontravenzjoni u avvicina lis-sinjura li kienet tefghet mal-genb fejn il-*Convenience shop* li hemm faccata ta' l-isparkle Image u dan ghaliex kellha xokk kbir fuqha bil-qata' li hadet. Ta min isemmi li x'hin mar ikellimha biex jara jekk hux kollox sew innota li bdiet titrieghed bil-qata' li kellha, u li sahansitra ofrihiela jekk tridx assistenza medika pero irrifjutat.

Appena lesta minn mas-sinjura qabad u ghamel kuntatt mal-Control room tal-Pulizija fejn irrizulta li l-vettura numru ta' registrazzjoni COR 873 hija ta' certu Adrian Saliba u

ghamel kuntatt telefoniku mieghu dak il-hin u talbu sabiex jerga imur fuq il-post biex ikelmu u t-twegiba tieghu kienet li hu qieghed bl-imsemmija vettura pero ma kellux ghalfejn imur ghax ma ghamel xejn hazin. Avolja infurmah li kien qed itih ordni ta' ufficcjal u insista mieghu biex imur fuq l-post jew l-ghassa tal-pulizija huwa baqa' jirifjuta milli jghamel dan u infurmah li ser johrog l-akkuzi fil-konfront tieghu.
Gie mitlub jghidlu fejn kien ser jibghatlu t-tahrika u wiegbu li kien ser jibghata fl-indirizz indikat fuq il-karta ta' identita teighu u fil-pront dan wiegbu *'ahjar ghax jien ma noqghodx hemm'* u qallu ukoll ' *mela ha nirrappurtaw lil xulxin ghax ha nirrapportak fuq harassment'* fejn ikkonkluda it- telefonata billi qallu biex jaghmel li jhoss pero infurmah li kien ser johroglu l-akkuzi.

**Elizabeth Curmi** xehdet nhar il-5 ta' Novembru, 2019 u tghid li kienet ser twassal habiba taghha M'scala wara x-xoghol. Kienet waslet lil habibtha u qabdet it-triq biex terga tinzel in-nizla, u proprju hdejn l- Isparkle Image harget vettura mix-xellug taghha u x-xufier baqa' hiereg. Hija ppruvat tigbed lejn il-lemin u kien hemm karozza tiela mit-telgha u waqfetilha u b'hekk setghet tibqa' tigbed fuq il-lane taghha. Il-karozza baqghet hierga u ma setghetx temmen kif ma laqathiex.

Mistoqsija ghaliex ghamlet din il-manuvra tghid li ghamlitha ghaliex kien hemm vettura hierga minn naha tax-xellug taghha li baqghet hierga minkejja li daqqet il-horn. Din swervjat u l-vettura baqghet hierga u prattikament litteralemnt waqfet waqt li kienet fuq il-lane l-ohra u l-karozzi kwazi ma genb tad-driver.

Tghid li is-sewwieq tal-karozza kien ragel u tiftakar li l-vettura kienet skura sewda. Hija harset lejh u ma setghetx temmen li lanqas waqaf biex jara kellhiex bzonn xi haga. Rat li ma semghetx daqqa izda ma nizlitx ticcekja ghaliex kien hemm l-karozzi telghin u kien it-traffic u ghalhekk saqet 'l hemm. Waqfet ftit il-boghod u kien hemm pulizija li hareg u staqsiha jekk kienitx alright u kellhiex bzonn xi haga u qaltlu li kellha speci ta roda. Tghid li l-pulizija kien ra x'gara u fil-fatt staqsiha jekk kellhiex bzonn xi haga proprju

dak il-hin stess. Daru dawra mal-karozza u raw li ma kienx hemm daqqa. Taf li dak il-hin ipprova jaqbad mas-sewweiq tal-vettura ghaliex kien hu stess li ha in-number plate tal-vettura li ghamlet dik il-manuvra u spjega li hu Pulizija u beda jcempel. Mistoqsija kemm dam l-incident tghid li gara kollox fi ftit sekondi '*cum bum'*.

Hija waqfet il-karozza ftit 'lil hin biex tivverifka l-vettura taghha ghaliex ma setghetx temmen li ma kienx laqatha. Mistoqsija jekk tarafx lil dan ir-ragel qalet '*Jiena nahseb li dan is-sinjur li qieghed bilwieqfa hawnekk.*' Mistoqsija jekk tahseb jew certa qalet '*Hu ghax issa qed inhares lejh sew, le, le hu ghax nista' nkun certa*'.

In kontro-ezami tghid li taf li l-vettura kienet skura sewda. In-number plate ma haditux ghaliex waqfu ma genb xulxin. Pero wiccu ratu sew. Murija ir-ritratt esebit mill-akkuzat u markat bhala Dok AS1 tghid li it-triq f'dan ir-ritratt mhiex it-triq li ghaddiet minnha hi, possibilment setghet hi it-triq li hareg minnha l-appellant. Regghet stqarret li l-appellant hareg mill-genb ghal fuq il-main road. Il-karozza harget minn naha tax-xellug.

Qalet li l-appellant gie fuq il-karreggjata taghha li kellha tiswervja biex tevitah. Dak il-hin kienet tielgha karozza bajda li waqfetilha biex tkun tista tghaddi. Tghid li ma harigx bi speed gholi izda meta hiereg ma waqafx baqa' ghaddej. Tispjega li kien qed jipprova jghaddi qabilha biex jidhol fil-karregjata l-ohra. Kien minghalih li se jibqa' hiereg quddiem imma hi kienet niezla n-nizla u baqa' hiereg. Ikkonfermat li l-pulizija ma kienx liebes uniformi. Ma urihiex card.

L-imputat **Adrian Saliba** b'mod volontarju ghazel li jixhed u dan fis-seduta tal-5 ta' Novembru, 2019. Dak in-nhar kien niezel in-nizla tal-Qaliet u dar ghal Triq il-Granmastri u ghamel U turn biex johrog minn fuq l-*istop sign* li hemm fi triq il Granmastri. Huwa hu hiereg waqaf biex jara li xejn ma kien tiela' minn isfel u ra li xejn ma kien niezel minn fuq. F'daqqa wahda mad-daqqa u l-hin waqt li hu hiereg ra

karozza qed tisspidja l-isfel in-nizla, daret minn mieghu, marret is-side l-iehor u waqfet ftit l-isfel. Huwa waqaf ghal dawk il–hames jew sitt sekondi ra li ma laqtux lil xulxin u saq 'l fuq u baqa' tiela' 'l fuq.

F'daqqa wahda ircieva telefonata minghand persuna li jisimha Adrian McKay u dan qallu *'ejja fuq l-post immedjatament ghax hazin ha jkun ghalik'* Huwa twerwer u qallu '*hazin ghalik, inti min int*?' Dan rega irrepeta sabiex imur fuq il-post ghax hazin ikun ghalih u qallu *'jiddispjacini m ghandix ghalfejn nigi fuq il-post'* u baqa' ma marx. Spjega li kien fl-ahhar qabel ma qata ivverifika li hu pulizija. Dak il-hin cempel lid-depot u kkonferma li Adrian Mc Kay hu pulizija minkejja li ghall-ewwel ma setghux jikkonfermawlu li kien fil-fatt pulizija u wara it-tieni telefonata infurmah li fil-fatt kien pulizija tal-RIU.

Qal li wara li ghamel il-verifiki tieghu cempillu u staqsih fejn iridu imur u dan wiegbu *'issa tard wisq'* u qallu li kienu ser jiltaqghu l-Qorti u wiegbu *'inti qed tihheresjani bl-atteggjament tieghek.'* Mistoqsi jekk ghamilx rapport mal-pulizija dwar dan jghid li ma ghamilx. Mistoqsi jekk verament hassux harassjat jghid li iva ghaliex ma kienx jaf jekk kienx ir-ragel tas-sinjura ma min kellu l-incident jew jekk kienx verament pulizija.

L-appellant rega tenna li l-kwerelanti kienet qed issuq b'velocita hi u niezla fil-parti t'isfel minn Triq il-Qaliet. Waqt li hu kien hiereg b'massimu ta' 4 jew 5 kilometru fis-siegha, kemm jitharrek. Qal li sabiex johrog 'l barra ma jistax jispidja biex jitla t-telgha biex jaqsam it-triq ghall-kareggjata l-ohra. Qal li l-kwerelanta kellha sewqan ta' mizerjament 25 km fis-siegha niezla n-nizla.

Mistoqsi jekk rax xi pulizija fuq il-post jghid li ma rax u min cempillu qallu li kien ikun hazin ghalih jekk ma imurx fuq il-post. Qal li kieku kien hemm pulizija fuq il-post messu waqfu ghaliex skond hu ma ghamel xejn hazin hareg minn fuq *stop sign*. Jghid li sinjal ta' *no entry* ma kienx hemm.

Dwar ir-ritratt prezentat mid-difiza huwa qal li dan biex juri minn fejn hareg fejn hemm '*stop sign*' u li ma hemmx '*one way sign*'. Li t-triq jismha Triq il-Granmastri u kkonferma li t-triq it-twila hija Triq il-Qalliet. In kontro-ezami jghid li gieli ghex Malta fi Triq il-Qallit fejn tghix il-mara tieghu. Mistoqsi mill-Qorti jekk il-Pulizija qallux ukoll "*isma jew tigi fuq il-post jew tigi sal-Ghassa tal-Pulizija?*" wiegeb li le, l-ghassa ma semmihilu qatt, kieku semmihilu kien jaghzel li jmur fl-ghassa. Huwa kkonferma li gieli ghex Malta fi Triq il-Qallit fejn tghix il-mara tieghu. Ikkonferma li familjari mat-triq. Ir-ritratt hadu xi erbat'ijiem, hamest'ijiem ilu. Mistoqsi jekk f'xi hin waqafx biex ikellem lill-kwerelanti jghid li ma waqafx. Huwa kalkolu tieghu li s-sewwieqa l-ohra kinet qieghda ssuq sa 25 kilmetru filwaqt li hu bejn 4 u 5 kilometri, ma kienx qed ihares lejn l-ispodemeter imma rahha niezla b'ghagla kbira. Ikkonferma fuq domanda li saret lilu li meta hareg spicca quddiem il-vettura tal-kwerelanti u jghid li kemm hu kif ukoll hi ghamlu manuvra. Jghid li ma ghamel l-ebda manuvra, dawwar l-istearing u tela' l'fuq.

Semghet il-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-hdax (11) ta' Frar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020).

Ikkunsidrat.

Illi in breve l-imputazzjonijiet mertu tal-kaz odjern gew mahruga wara li Pc 282 Adrian Mackay fl-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019) waqt li kien bil-pass gewwa Triq il-Qaliet, Marsaskala innota vettura bin-numru ta' registrazzjoni COR 873 tal-ghamla Toyota hierga '*minn Triq il-Granmastri, Marsaskala ghal got-triq il-Qaliet, kontra t-tabella tar-"wrong way"*'. Fl-affidavit tieghu spjega li dan ix-xufier ma niezilx mill-vettura izda saq 'l fuq minn Triq il-Qaliet direzzjoni ghac-Cerviola Hotel. Pc 282 Adrian Mackay ghamel kuntatt max-xufier tal-vettura tat-tip Toyota u talbu jmur fuq il-post izda naqas milli jaghmel dan.

Din il-Qorti sejra tibda biex tqis it-tieni aggravju tal-appellant u dan stante li l-appellant qieghed jallega n-nuqqas taz-zamma tal-formalita' tas-sentenza mill-Ewwel Qorti u ghalkemm jaghmel referenza ghall-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 419 u 428 tal-istess kapitolu, jonqos milli jispecifika abbazi ta' xiex qieghed jallega dan in-nuqqas ta' zamma tal-formalita tas-sentenza. In oltre' jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif preseduta fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Supt Michael Mallia) vs Mel Spiteri**'[5], liema sentenza kienet tirrigwarda n-nuqqas tal-Qorti milli tghid il-fatti u dan billi ssemmi l-imputazzjoni li taghhom ikun instab hati u meta anke rreferiet ghal Avviz Legali minflokk ghal Legislazzjoni Sussidjarja fil-parti disposittiva. L-appellant jaghmel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt. Pierre Micallef Grimaud) Vs Joseph Agius**'[6] li kienet tirrigwarda n-nullita' ta' sentenza abbazi li l-Qorti fis-sentenza taghha kienet naqset milli ttiddikjarah hati tal-akkuzi li gew dedotti kontrih u ghaddiet biex issemmi l-artikoli u tikkundanna lill-appellant.

Din il-Qorti sejra tqis jekk l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata rrispettatx dak li l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula. Dan l-artikolu jipprovdi li:

'*Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.*'

Ghalhekk sentenza ghandu jkun fiha l-fatti li taghhom l-akkuzat ikun instab hati, l-artikoli li jikkontemplaw ir-reati li taghhom ikun instab hati kif ukoll il-piena. L-Ewwel Qorti fis-sentenza dattilografata li tinsab a fol 37 et sequitur tal-process fil-parti disposttiva ddecidiet li:

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appel Kriminali fis-17 ta' Ottubru, 2019 (Appell numru: 242/2014)
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Marzu, 2012 (Appell kriminali numru: 171/2011)

*'Wara li rat l-akkużi u l-liġi, ossia Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2), Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3), L.S. 65.05 Artiklu 2 (II A (c)) u Kap 9 Artiklu 338 (ee):*

- *tillibera lill-imputat mill-hames akkuza,*
- *issibu hati tal-ewwel erba' akkuzi u:*

▪ *tikkundannah ihallas il-multa komplessiva ta' tlett mitt euro (€300), liema multa għandha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta titħallas ratealment fuq medda ta' sitt (6) xhur b'effett mis-6 ta' Novembru 2019 permezz ta' pagamenti mensili ta' hamsin euro il-wiehed (€50) b'dan illi jekk ma jsirx il-ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufiħ u, fin-nuqqas ta' tali ħlas, il-bilanċ ta' l-ammont dovut għandu jkun awtomatikament konvertibbli fi priġunerija mingħajr il-ħtieġa ta' ebda att ġudizzjarju ieħor.*

▪ *tiskwalifikah milli jzomm il-liċenzja tas-sewqan għal żmien tlett (3) xhur u gimghatejn u ai termini tal-Art. 78 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 ordnatlu sabiex immedjatament jghaddi l-istess licenzja lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta.*

▪ *ai termini tal-Art. 36B u s-Sitt Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 tal-Ligijiet ta' Malta, imponit penali ta' tlett (3) punti fuq il-licenzja tas-sewqan tal-imputat liema punti għandhom jiġu mniżżla fid-database komputerizzata mizmuma ghal dan il-ghan mill-Awtorità dwar it-Trasport f'Malta.'*

Din il-Qorti tqis li fil-verbal tas-seduta tal-hamsa (5) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) a fol 14 u 15 tnizzel is-segwenti u cioe'

*'tillibera lill-akkuzat mill-hames (5) akkuza. issibu hati tal-ewwel erba' (4) akkuzi. Timmultah somma ta' €300 pagabbli fuq medda ta' 6 xhur. Tiskwalifikah milli jzomm il-licenzja tas-sewqan ghal zmien 3 xhur u gimghatejn u timponi 3 punti fuq l-istess licenzja.*
*Difiza titlob is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza.*
*Semghet ix-xhieda imressqa quddiem il-Qorti kif indikat fil-verbal tas-seduta/i.*

*Tilliberah mill-akkuza numru Ħamsa [5] u ssibu hati tal-akkuzi numri Wieħed [1], Tnejn [2], Tlieta [3], Erbgħa [4]*

*Il-Qorti rat l-akkuzi u l-ligi,*

*Inghatat is-Sentenza.*
*Hati u tikkundannah multa kompessiva ta' €300 pagabbli fuq medda ta' 6 xhur permezz ta' pagamenti mensili ta' €50, b' effett mill-6 ta' Novembru 2019.*
*Tissospendilu il-liċnzja tas-sewqan ghal zmien 3 xhur u gimghatejn minn nofs il-lejl u ai termini tal-Art 78 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18, tordnalu sabiex immedjatament jghaddi l-licenzja tas-sewqam lill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta.*
*timponi 3 punti penali fuq l-istess licenzja.'*

Ghalhekk jirrizulta li l-Ewwel Qorti kemm fil-verbal tas-seduta li fiha inghatat is-sentenza u anke fis-sentenza dattilografata indikat kemm l-imputazzjonijiet li taghhom kienet qieghda ssib htija kif ukoll il-piena. Jonqos biss biex din il-Qorti tqis jekk l-artikoli indikati mill-Ewwel Qorti humiex korretti. Filwaqt li jirrizulta li fil-verbal tas-seduta li nghatat is-sentenza u cioe' dik tal-hasa (5) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) hemm indikat li l-'*Qorti rat l-akkuzi u l-ligi*', ma hemmx indikazzjoni tal-artikoli tal-ligi li jikkontemplaw ir-reati li taghhom instabet htija, din il-Qorti qieghda tifhem li kien minhabba li l-imputazzjonijiet fic-citazzjoni jindikaw l-artikoli tal-ligi. Dwar dan, din il-Qorti tishaq li l-Qrati ghandhom anke fil-verbal tas-seduta fi proceduri sommarji fejn kawza tkun instemghet u inqaghtet fl-istess seduta jindikaw l-artikoli li jkunu inqraw meta inghatat is-sentenza.

Minn naha l-ohra fis-sentenza dattilografika a fol 37 et sequitur hemm imnizzlin l-artikoli tal-ligi u cioe' '*Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2)*' li din il-Qorti qieghda tifhem li l-Qorti kienet qieghda tirreferi ghall-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 kif ukoll l-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fis-sentenza appellata indikat ukoll '*Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3)*' li din il-Qorti qieghda tifhem li kienet qieghda tirreferi ghall-artikolu 15(1)(a) u 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Sa hawnhekk din il-Qorti hija tal-fehma li xorta wahda huwa car ta' liema imputazzjonijiet l-Qorti kienet qiegdha ssib htija u taht liema ligi u cioe' dawk li jirrigwardaw l-ewwel tlett imputazzjonijiet, minkejja li nizlet l-artikoli fil-qosor kif indikat fic-citazzjoni.

Il-Qorti indikat ukoll '*Kap 9 Artiklu 338 (ee)*' u dan minkejja li ma kinitx qieghda ssib htija tal-hames (5) imputazzjoni. Dan ma jgibx in-nullita tas-sentenza stante li dak li huwa importanti huwa li l-Qorti tindika l-artikoli tal-ligi li tahtom kienet qieghda ssib htija u ghalhekk l-indikazzjoni ta' artikoli ohra li tahthom kienet qieghda tillibera ma jwassalx ghan-nullita' tas-sentenza izda din il-Qorti temfasizza li f'certu kazijiet l-indikazzjoni ta' artikoli dwar imputazzjonijiet li tahtom ma tkunx instabet htija tista' twassal ghal konfuzzjoni jew dubju dwar xiex tkun instabet il-htija.

Fis-sentenza appellata gie indikat ukoll '*L.S. 65.05 Artiklu 2 (II A (c))*' l-istess referenza ghall-ligi indikati mil-Prosekuzzjoni fic-citazzjoni ma genb ir-raba' (4) imputazzjoni. Dwar dan din il-Qorti qieghda tifhem li l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata kienet qieghda tirreferi ghar-Regolament 2 ta' din il-Legislazzjoni Sussidjarja. Dwar l-indikazzjoni ta' '*(II A (c))*' din il-Qorti qieghda tifhem li kienet qieghda ssir referenza ghat-Taqsima II tal-Iskeda senjatament il-paragrafu (ċ) li johrog mis-sezzjoni A intitolat '*Projbitorji - Direzzjoni*'. Ghalhekk htija kienet qieghda tinstab fejn fl-imsemmija tieni taqsima tal-iskeda hemm imnizzel '*Dan is-sinjal jippropjbixxi li jidħol it-traffiku fi triq jew f'parti minn triq u jitqiegħed fil-post fejn tibda l-projbizzjoni.*' Taht dan hemm in-numru (4) fejn hemm is-sinjal u tahtu hemm imnizzel '*EBDA DĦUL MINN DIN IN-NAĦA*'. Ghalhekk ghalkemm il-Qorti indikat l-istess ligi li hemm indikat fic-citazzjoni u minkejja li din il-Qorti kienet tistenna li l-Qorti tindika b'mod aktar car li kienet qieghda taghmel referenza ghat-Taqsima II intitolata 'Sinjali Regolatorji' tal-Iskeda abbinata mat-

tieni regolament, din il-Qorti xorta wahda bl-indikazzjoni in succint mill-Ewwel Qorti tal-ligi, setghet tasal ghall-ligi u l-artikoli jew regolamenti tahtha li kienet qieghda ssib htija. Ghalkemm il-Qorti ma ndikatx in-numru tas-sinjal u cioe' (4) dan in-numru jaqa taht l-ittra (ċ) u ma hemm ebda sinjal jew numru iehor taht l-ittra (ċ) fis-sezzjoni 'A' tat-Taqsima II ta' din l-iskeda.

B'zieda ma dan, il-Qorti fis-sentenza appellata meta giet biex tinfliggi l-piena indikat l-artikoli li jikkoncernaw il-piena. L-appellant fl-appell tieghu senjatament fit-tieni aggavju jsemmi l-artikoli 419 u 428 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda ma jispjegax ir-relevanza tal-artikolu 419 fl-aggravju in kwistjoni.

Din il-Qorti temfasizza li l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jigi rispettat skrupulozament. In-nuqqas li Qorti taghmel dan, ikun ifisser li s-sentenza tkun wahda nulla. Ghalkemm din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti setghet kienet aktar preciza fil-mod ta' kif indikat l-artikoli tal-ligi, gialadarba jirrizulta li l-artikoli tal-ligi li tahtom instabet htija gew indikati, din il-Qorti tqis li s-sentenza appellata ma hijiex wahda nulla u ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi biex tqis il-kumplament tal-aggravji mressqa mill-appellant.

It-tieni aggravju qieghed ghar-ragunijiet ikkunsidrati jigi michud.

Ikkunsidrat;

L-ewwel aggravju jirrigwarda l-apprezzament zbaljat tal-provi prodotti. Illi kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija (Spt. J. Agius) vs Guzeppi Bilocca</u>**[7]:

*'Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il- Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel*

[7] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Frar, 2009 (Appell numru 273/2008)

*Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is- sens "inter alia" l-Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[8]" ; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi** [9]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[10]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[11]" u ohrajn.*' (Emfazi mizjuda u dati tas-sentenzi miktuba bhala referenza hawn isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Il-Qorti f'dik is-sentenza, kompliet tikkunsidra:

*'Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn* **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** *fil-kawza "**R. v. Cooper**"[12] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968)*

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE**[13]). (Referenzi citata fis-sentenza jinsabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna).

[8] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju, 1994;
[9] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Frar 1989;
[10] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju 1991;
[11] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju 1991;
[12] [1969] 1 QB 276
[13] (1991) , p. 1392

L-appellant jissottometti li huwa xehed ghalkemm kellu dritt jaghzel li ma jixhidx, li spjega li niezel ghal Triq il-Qaliet Marsaskala u dar ghal triq il-Granmastri u waqaf fuq *stop sign* u x'hin ra li mhux gejjin karozzi mill-ebda naha, hareg minn fuq l-*istop sign* u huwa u hiereg iiltaqa ma vettura l-ohra misjuq bi speed eccessiv u zamm brejk u s-sewwieq l-iehor dawwar il-vettura ghal karreggjata l-ohra biex jigi evitat l-incident ghax kienet diehla go fih. Li ra li ma gara xejn u kompla ghal triqtu. L-appellant jibda billi jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu dwar ir-raba' imputazzjoni u cioe' dik li taqra '*Waqt li kont qed issuq vettura bil-mutur, mort kontra is-sinjal tat-traffiku (No Entry).*'

L-appellant ghamel referenza ghal dak li ddikjara il-kuntistabbli Pc 282 Adrian Mackay u cioe' li ra l-vettura in kwistjoni '*kontra t-tabella tar-"wrong way"*.' L-appellant fl-appell tieghu jissottometti li '*Issa ir-regolament propja huwa Legislazzjoni Sussidjarja 65.05 REGOLAMENTI DWAR IS-SINJALI TAT-TRAFFIKU U L-MARKI TAL-KARREGGATA tesigi fl-Artiklu 2 Skeda (Regolament 2) Taqsima II Sinjali Regolatorji A (c ) Ma Tistax Iddur Lura tabella numru (4) Dan is-sinjal jipprojbixxi li jidhol it-traffiku fi triq jew f'parti minn triq u jitqieghed fil-post fejn tibda l-projbizzjoni* ***u mhux (L.S. 65.05. Artiklu 2 (II A (c ) ).'*** Din il-Qorti dwar dan tippreciza li sinjal li jirrigwarda l-projbizzjoni intitolata '*MA TISTAX IDDUR LURA*' mhuwiex applikabbli f'dan il-kaz izda huwa s-sinjal li jidher bin-numru (4) fejn hemm imnizel '*EBDA DĦUL MINN DIN IN-NAĦA*', taht il-paragrafu (ċ) li jinsab taht is-sezzjoni intitolata 'A. Projbitorji - Direzzjoni' fit- Taqsima II intitolata 'Sinjali regolatorji' fl-iskeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.05 li huwa applikabbli.

L-appellant jissottometti li dan is-sinjal jipprojbixxi li jidhol it-triq jew f'parti minn triq u jitqieghed fil-post fejn tibda l-projbizzjoni. Jissottometti li l-ligi fiha zewg ghazliet, jew (1) s-sinjal li jippropjbixxi li jidhol it-traffiku fi triq jew (2) is-sinjal li jiprojbixxi li jidhol it-traffiku f'parti minn triq u fit-tnejn li huwa is-sinjal jitqieghed fil-post fejn tibda l-projbizzjoni. Jissottometti li l-kuntistabli Pc 282 Adrian Mackay kull ma qal fl-affidavit tieghu huwa li '*innutajt vettura bin-numru tar-registrazzjoni COR872 tal-ghamla Toyota hierga minn Triq il-Granmastri, Marsaskala ghal got-triq il-Qaliet, kontra t-tabella tar-"wrong*

*way*".' Li l-kuntistabbli mkien ma qal fejn tibda l-projbizzjoni li jidhol t-traffiku fit triq il-Granmasti u/jew triq il-Qaliet Marsaskala u lanqas qal humiex parti mit-triqat imsemmija, it-traffiku kienx projbit li jidhol u lanqas qal fejn kienet it-tabella tar-wrong way u fejn jispiccaw it-tabelli tal-wrong way. Jissottometti li l-ligi ma tghidx "kontra it-tabella tar-'wrong way"' izda li s-sinjal numru erbgha (4) jipprojbixxi li jidhol it-traffiku fi triq jew f'parti minn triq u jitqieghed fil-post fejn tibda l-projbizzjoni. Li l-kuntistabbli ma qalx id-dettalji tal-wrong way jew xi tip ta' probizzjoni ohra. Jisottometti li f'pajjizna hawn diversi tabelli mghottija bil-frighi tas-sigar, imkisra, maghwga, maqluha u ghal hafna ragunijiet ohra ma jidhrux u li norament li wiehed jara isiru xi tip ta' manutenzjoni taghhom mill-Awtorita' tat-Trasport ta' Malta. Dwar dan, din il-Qorti tqis li f'kaz li l-appellant qieghed jissottometti li t-tabella ma kinitx mizmuha sew jew li ma kinitx tidher, huwa kellu jipprova dan imqar sal-grad tal-probabli.

L-appellant jissottometti li ma setax jinsab hati tar-raba' (4) imputazzjoni ghax ma gewx spjegati c-cirkorstanzi kollha kif trid il-ligi, li l-appellant ta' d-dettalji kollha u qal li ma ra l-ebda sinjal ta' xi sinjal tat-traffiku (No entry) u lanqas xi tabella tar-wrong way kif qal il-kuntistabbli. Ghalhekk jissottometti li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti u tal-ligi applikabbli fir-rigward tar-raba' imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-appellant.

Din il-Qorti sejra ghalhekk tibda billi tqis jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragonevolment issib htija tar-raba' (4) imputazzjoni. Ghal dan il-ghan, tibda billi taghmel referenza ghall-affidavit ta' Pc 282 Adrian Mackay li tinsab a fol 3 et sequitur tal-process, fejn dwar il-kwistjoni tat-tabella qal li '*Nhar il-Hamis 14 ta' Frar 2019 ghal habta ta 14.30hrs, waqt li kont bil-pass gewwa Triq il-Qaliet, Marsaskala, innutajt vettura bin-numru tar-registrazzjoni COR 873 tal-ghamla Toyota* ***<u>hierga minn Triq il-Granmastri, Marsaskala ghal got-triq il-Qaliet, kontra t-tabella tar-"wrong way".</u>*** ' Iddikjara ukoll li '*qabad u telaq 'l fuq min triq il-Qaliet direzzjoni ghac-Cerviola Hotel.*' Elizabeth Chetcuti fix-xhieda taghha tal-hamsa (5) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) spjegat li

*'kif appena wassaltha qbadt it-triq biex nerga ninzel in-niezla, kien hemm, fejn l-isparkle image prattikament Wied il-Ghajn u li gara jiena u niezla f'daqqa wahda* ***harget karozza minn naha tax-Xellug u baqa' hiereg ix-xufier*** *u jiena pruvajt nigbed fuq il-lemin u kien hemm karozza tiela' mit-tela' waqfitli u qisni stajt nibqa' nigbed fuq il-lane taghha w l-karozza baqghet hierga u qisni jiena ma stajtx nemmen qisu ma laqtitniex ghax ma kelliex, ehe.'* Mistoqsija in kontro ezami jekk hemm '*xi one way*' wiegbet '*Jiena m'iniex familjara, jiena ma nafx. Jiena li naf li l-karozza baqghet hierga, jiena kont niezla t-triq tieghi jigifieri kont nizla n-niezla*'. Spjegat li '*Harget mil-genb mil-main road.*' Il-karozza harget minn naha tax-xellug u hi kienet niezla.

L-imputat fix-xhieda tieghu spjega li '*dakinhar kont niezel in-nizla tal-qaliet, dik in-nizla tal-qalliet, dort ghal triq il-Granmastri w ghamilt U turn biex nohrog minn fuq l-istop sign li hemm fi triq il-Granmastri. Jiena w hiereg waqaft biex nara li xejn ma kien tiela' minn isfel u xejn mhu niezel minn fuq. F'daqqa wahda mad-daqqa u l-hin li jena hiereg nara karozza qed tispida l-isfel in-niezla, daret minn mieghi, marret is-side l-ohra u waqfet ftit l-isfel. Jiena waqaft dawk il-5, 6, sekondi, rajt li ma lqatniex lil xulxin u soqt -il fuq u bqajt tiela' l-fuq.*' Huwa sahaq li ma kienx hemm no entry sign. Huwa kien hiereg fejn hemm l-istop sign li tidher fir-ritratt esebit mid-difiza u mmarkat bhala AS1, fit-triq li jisimha Triq il-Granmastri filwaqt li qal li t-triq it-twila hija Triq il-Qalliet.

Din il-Qorti tqis li nonostante il-fatt li dan il-kuntistabbli juza l-kliem 'wrong way' minflokk 'no entry', is-sinjal u cioe' tabella tan-'no entry' hija komunament maghrufa bhala 'one way' jew 'wrong way'. Din il-Qorti izda trid tqis jekk jirrizultax ippruvat sal-grad rikjest mill-ligi li dan is-sinjal tan-No entry kienx fi Triq il-Granmastri u jekk kinitx fil-parti tat-triq li kien jinsab fiha l-appellant.

Din il-Qorti hija tal-fehma li dak dikjarat fl-affidavit ta' Pc 282 Adrian Mackay ihalli lok ghal interpretazzjoni dwar jekk il-'wrong way' li jaghmel referenza ghaliha kinitx fi Triq il-Granmastri, Marsaskala kif hemm imnizzel fl-imputazzjoni, f'liema parti ta' Triq il-Granmastri jew setghetx kienet fi Triq il-Qaliet.

Id-difiza prezentat ir-ritratt immarkat bhala AS1 bhala prova li ma kien hemm l-ebda sinjal ta' 'no entry' u li kien hemm stop sign u li l-appellant hareg minn fuq l-istop sign. Minn dak li jidher fir-ritratt ma jirrizultax li hemm 'no entry' sign izda dan ma jfissirx li ma kienx hemm f'din it-Triq stante li r-ritratt huwa mehud minn tarf wiehed ta' triq u ghalhekk is-sinjal setgha kienet fit-tarf l-iehor tat-triq. In oltre' jirrizulta li l-vetturi ipparkeggati li jidhru fir-ritratt qeghdin iharsu fid-direzzjoni opposta minn dik li l-appellant jghid li hareg minnha. Ghalkemm din tista' tkun prova indizzjarja li l-appellant hareg 'wrong way', din il-Qorti ma tqis li gie sufficentement ippruvat li kien hemm tabella ta' 'no entry' fil-parti tat-triq li hareg minnha l-appellant. Din il-Qorti zzid ukoll li r-ritratt ipprezentat mid-difiza ittiehed xi erba jew hamest'ijiem qabel skont dak li xehed l-appellant u ghalhekk mhux fil-jum mertu tal-imputazzjonijiet.

Il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova fil-grad li trid il-ligi fosthom bil-prezentata ta' ta' kif it-triq kienet fiz-zmien in kwistjoni jew rapprezentant tal-Kunsill Lokali jew tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta skont liema kien responsabbli ghat-triq in kwistjoni, biex jigi sostanzjat fejn kien jinsab is-sinjal tat-traffiku 'No Entry' fid-data mertu tal-imputazzjoni.

Stante li kull dubju ghandu jmur favur l-imputat, din il-Qorti sejra tirrevoka fejn il-Qorti sabet htija tar-raba' (4) imputazzjoni u sejra tilliberah minnha.

Ikkunsidrat;

L-ewwel tlett (3) imputazzjonijiet jirrigwardaw sewqan b'mod perikoluz, b'nuqqas ta' kont u bi traskuragni. L-appellant fl-appell tieghu jaghmel referenza ghal gurisprudenza dwar l-imputazzjonijiet ta' sewqan traskurat, bla kont u perikoluz. Jaghmel referenza ghal dak li stqar il-kuntistabbli fl-affidavit fejn jghid li ma spjegax x'tip ta' kontravenzjoni saret jew mill-vettura ta' Elizabeth jew dik tal-appellant. Dwar

dan din il-Qorti tqis li huwa evidenti mill-affidavit ta' Pc 282 MacKay li s-sewwieqa l-ohra ma ghamlet l-ebda kontravenzjoni tant li jirrimarka li '*Din il-vettura x'hin waslet kantuniera ma triq il-Qaliet kienet ha tahbat ma vettura ohra, liema kolluzjoni ma sarietx ghaliex ix-xufiera tal-vettura l- ohra li kienet niezla minn triq il-Qaliet kienet mohha hem bizzejjed biex fil- pront waqqfet il-vettura taghha biex ma tahbatx mieghu.*'

L-appellant jissottometti minghajr pregudizzju ghal dak sottomess dwar ir-raba' imputazzjoni li allahares minn jinstab hati ta' kontravenzjoni trat-traffiku jizdidulu wkoll d-delitti tas-sewqan b'mod perikoluz, b'nuqqas ta' kont u bi traskuragni, jinstab hati u jigi kkundanat b'multa, sospiz mill-licenzja tas-sewqan u jitnaqsu l-punti. Jissottometti wkoll li huwa xehed li niezel minn Triq il-Qaliet, Marsaskala, dar ghal Triq il-Granmastri, waqaf fuq stop sign u x'hin ra li mhux gejjin karozzi mill-ebda naha' hareg minn fuq l-istop sign. Li huwa u hiereg ltaqa mal-vettura l-ohra u zamm brejk ghax kienet niezla bi speed qawwi. Skont l-appellant il-Qorti skartat ix-xhieda tieghu u hadet in konjizzjoni ta' partijiet li ddikjara l-kuntistabbli Pc 282 u partijiet li xehdet Elizabeth Chetcuti anke jekk kienet xhieda u/jew dikjarazzjonijit ipotetici u li ma sehhux. L-appellant jissottometti li fil-fehma tieghu huwa irnexxilu jiprova sal-grad tal-probabli li huwa kien qed isuq sewqan normali, anzi bil-mod hafna meta hareg minn fuq l-istop sign u anke qabel, minghajr perikolu ta' xejn, bil-kont u minghajr traskuragni. Li mhux tenut jipprova l-kaz tieghu izjed mill-grad tal-probabbli, imma hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha minghajr l-ebda dubju dettat mir-raguni. Jissottometti li l-imputat lanqas huwa mistenni li jaghti x-xhieda tieghu u jinkrimina lilu nnifsu pero' li huwa xehed b'mod konistenti. Dwar dan din il-Qorti temfasizza li ghalkemm l-imputat ma ghandu bzonn jipprova xejn tant li hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha, gialadarba l-imputat iddecieda li jiehu l-pedana tax-xhieda, il-Qorti tiehu kont ta' dak li jkun xehed u tizen jekk giex ippruvat sal-grad tal-probabbli li s-sewqan tieghu ma kienx perikoluz, lanqas bit-traskuragni u bil-kont.

L-appellant jissottometti li kien hemm verzjonijiet kontradittorji bejn dak li xehed l-appellant, dak li xehdet Elizabeth Chetcuti u anke dak li ddikjara il-kuntistabbli PC 282 Adrian Mackay. Jissottometti ukoll li minn imkien ma jirizulta li kien hemm kaz ta' sewqan bi traskuragni kbira jew b'mod perikoluz, tant li lanqas sahansitra l-kuntistabli ma qal lil appellant li se jharrku u johroglu l-akkuzi fuq sewqan bi traskuragni kbira jew b'mod perikoluz. Li lanqas Elizabeth Chetcuti ma xehdet dan. Li huwa xehed li kien qieghd isuq b'mod normali hafna, bil-mod u mhux b'mod perikoluz jew b'nuqqas ta' kont jew bi taskuragni. L-appellant isostni li t-tabella tal- *no entry* ma dehret imkien u huwa ma rahiex u lanqas il-kuntistabbli ma gibed l-attenzjoni taghha x'hin cempel lill-appellant, li qallu biss li ried ikellmu. Skont l-appellant il-prekawzjonijiet u l-kura li kien hemm bzonn jiehu fis-sewqan l-appellant u fic-cirkostanzi hadhom. Li huwa ma setax jara la t-tabella tal-*one way* u lanqas il-karozza l-ohra u ghalhekk qatt ma seta' kien negligenti jew traskurat fis-sewqan tieghu.

Ikkunsidrat;

Abbazi ta' dak ikkunsidrat dwar ir-raba' imputazzjoni fejn ma sabitx htija taghha, din il-Qorti sejra tiskarta r-referenza ghall-allegata 'wrong way' li jixhed dwaru Pc 282 Adrian Mackay permezz tal-affidavit. Skont dak dikjarat permezz tal-affidavit minn Pc 282 Adrian Mackay, jirrizulta lli huwa lemah vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni COR873 '*hierga minn Triq il-Granmasti, Marsaskala ghal got-triq il-Qaliet, kontra t-tabella tar-"wrong way". Din l-istess vettura x'hin waslet kantuniera ma triq il-Qaliet* ***kienet ha tahbat ma vettura ohra****, liema kolluzjoni ma sarietx ghaliex ix-xufiera tal-vettura l-ohra li kienet niezla minn triq il-Qaliet kienet mohha hem bizzejjed biex fil- pront waqqfet il-vettura taghha biex ma tahbatx mieghu.*' Spjega li '*Dan ix-xufier maskili, x'hin ra hekk lanqas indenja ruhu jinzel mil-vettura biex jistaqsi lis-sinjura tal-vettura l- ohra li evidentament kellha qata' kbira fuqha jekk hux kollox sew, izda qabad u telaq 'l fuq minn triq il-Qaliet direzzjoni ghac-Cerviola Hotel.*' Elizabeth Chetcuti fi-xhieda taghha spjegat li '*qbadt it-triq biex nerga ninzel in-niezla, kien hemm, fejn l-isparkle image prattikament Wied il-Ghajn u li gara jien a u*

***__niezla f'daqqa wahda harget karozza__*** *minn naha tax-Xellug u* ***__baqa hiereg ix-xufier__*** *u jiena pruvajt nigbed fuq il-lemin u kien hemm karozza tiela' mit-tela' u waqfitli u qisni stajt nibqa' nigbed fuq il-lane taghha u l-karozza baqghet hierga u qisna jiena ma stajtx nemmen qisu ma laqtitniex ghax ma kelliex.'* Spjegat li '*din il-karozza* ***__hierga minn naha tax-xellug u baqghet hierga__*** *avolja jiena daqqejt biex u qed tiswervja w il-karozza baqghet hierga u prattikament litteralment waqafna jiena qieghda fuq il-lane l-ohra w l-karozza kwazi mal-genb tad-driver.'* In kontro-ezami b'referenza ghal ritratt pezentat mid-difiza u mmarkat bhala Dok AS1 hija ma gharfitx li sehh hemm l-incident. Spjegat li l-vettura harget mill-genb fil-main road. Il-vettura harget minn naha tax-xellug. Tghid li prova jghaddi qabilha biex jidhol fil-lane, li kien minghalih li se jibqa' hiereg quddiemha imma hi ovjament kienet niezla n-nizla u baqa' hiereg.

L-appellant minn-naha tieghu jispjega fix-xhieda tieghu li '*Mela jiena dakinhar kont niezel in-nizla tal-qaliet, dik in-nizla tal-qalliet, dort ghal triq il-Granmastri w ghamilt U turn biex nohrog minn fuq l-istop sign li hemm fi triq il-Granmastri. Jiena w hiereg waqaft biex nara li xejn ma kien tiela' minn isfel u xejn mhu niezel minn fuq. F'daqqa wahda mad-daqqa u l-hin li jiena hiereg nara karozza qed tispidja l-isfel in-niezla, daret minn mieghi, marret is-side l-ohra w waqfet ftit l-isfel. Jiena waqaft dawk il-5, 6 sekondi, rajt li ma lqatniex lil xulxin u soqt -il fuq u bqajt tiela' l-fuq.*' Jghid li '*jiena skont jiena ma ghamilt xejn hazin ghax hrigt minn fuq stop sign li hemm fuq ir-ritratt.*' Jghid li hu kien hiereg minn fejn hemm l-istop sign f'Triq il-Granmastri u t-triq it-twila hija Triq il-Qalliet. Jghid li '*Ma stajt insuq bi traskuragni ghar-raguni li jiena hiereg u tiela' f'tela, tiela' f'tela. Triq taqla' minn zero ghal 5 kilometers ghandek il-hin biex taqla' il-karozza. Jiena m'ghandiex xi karozza tat-tlielaq jiena karozza normali ghandi li jsur kull cittadin.*' In kontro-ezami spjega li hu kien hiereg minn got-triq u Elizabeth bil-kontra tieghu. Meta mistoqsi jekk jaqbel li spicca quddiem ta' Elizabeth wiegeb li '*mhux quddiemha trid tispicca jekk inti hiereg minn kantuniera u hija hierga*'.

Ikkunsidrat;

Jirrizulta li l-appellant kien hiereg minn Triq il-Granmastri, Marsaskala, u kif koncess minnu stess u minn hadd aktar kien hemm *stop sign*. Ghalhekk la darba kien hemm *stop sign,* huwa kellu jieqaf u kellu jkun kawt immens qabel ma jiddeciedi li johrog minn gewwa triq sekondarja ghat-triq l-ohra. Ghalkemm ma jirrizultax li l-appellant tilef il-kontrol tal-vettura, dan ma jfissirx li huwa ma kienx qieghed isuq b'manjiera perikoluza. L-appellant jghid li waqaf biex jara li ma kien hemm hadd tiela u niezel u fid-daqqa u l-hin li hiereg ra lil vettura l-ohra b'velocita'. Din il-Qorti ma tqis li gie ippruvat imqar fuq grad ta' probabbli li l-appellant kien ha l-prekawzjonijiet mehtiega qabel ma hareg minn din it-triq ghal got-triq li kienet ghaddejja minnha fid-dritt ghan-niezla s-sewwieqa l-ohra Elizabeth Chetcuti. F'kaz li ha l-prekawzzjonijiet mehtiega ma tressqet l-ebda raguni ghala ma kienx jilmah lis-sewwieqa l-ohra qabel ma kellha taghmel manuvra evaziva biex tevita kollizzjoni tant li fi kliemha '*din il-karozza* ***<u>hierga minn naha tax-xellug u baqghet hierga</u>*** *avolja jiena daqqejt biex u qed tiswervja w il-karozza baqghet hierga u prattikament litteralment waqafna jiena qieghda fuq il-lane l-ohra w l-karozza kwazi mal-genb tad-driver*. ' u ghalhekk spiccat anke fuq il-karreggata l-ohra minn fejn kienu tilghin vetturi ohra. Mix-xhieda ta' Elizabeth Chetcuti din il-Qorti qieghda tifhem li hija kienet qieghda ssuq l-isfel f'niezla filwaqt li kien l-appellant li hareg mit-triq sekondarja.

F'dan ir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghal paragrafu 205 tal-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq u cioe' l-Highway Code li jipprovdi:

'*Uża aktar attenzjoni f'għaqda ta' żewġ toroq jew f'salib it-toroq. Ħares għas-sinjali tat-traffiku, dawl għat- traffiku jew marki tal-karreġġata relattivi u obdihom. IEQAF fejn ikun hemm sinjali 'STOP'. Suq bil-mod u ċedi d-dritta fejn ikun hemm sinjali 'GIVE WAY'. Fejn ma jkunx hemm sinjali bħal dawn, uża d-diskrezzjoni u l-prudenza.*'

Fil-paragrafu 207 tal-istess kodici hemm imnizzel ukoll li:

'*Kif tkun qiegħed iddur f'għaqda ta' żewġ toroq, ħares lejn il-lemin, imbagħad lejn ix-xellug u*

*lejn il-lemin mill-ġdid. Issuqx qabel tkun żgur li ma hemmx periklu biex tagħmel dan. Toqgħodx fuq is-sinjali mogħtija minn persuni mhux awtorizzati.'*

Din il-Qorti tqis li l-verzjoni tal-appellant li huwa hares il-fuq u l-isfel qabel ma hareg mit-triq ma hijiex kredibbli. Kif gia inghad ma hemm xejn li jispjega kif ma lemahx lis-sewwieqa l-ohra ssuq l-isfel.

In oltre', dwar id-dritta tat-Triq f'toroq principali ma' toroq sekondarji, l-istess Kodici jipprovdi li:

**'212.** *Jekk ma jkunx muri xort' oħra, it-traffiku fit-triq prinċipali għandu d-dritta fuq it-traffiku li jkun qed jaqsam, li jkun dieħel, jew li jkun se jħalli t-triq prinċipali.*

**213.** *F'salib it-toroq jew għaqda ta' triq prinċipali ma' triq sekondarja, it-traffiku fit-triq sekondarja għandu jagħti d-dritta lit-traffiku li jkun għaddej fi, jew li jkun ħiereġ minn, it-triq prinċipali.'*

Dwar dak li jikkostitwixxi sewqan traskurat, bla kont u perikoluz, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Alfred Mifsud'**[14] fejn gie kkunsidrat li:

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat. **Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuraġni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il- grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'ghandux jieħu minħabba l-probabbilita' ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti*

[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Mejju, 1997

*għal tali riskji.* ***Sewqan perikoluz*** *(dangerous driving) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjeta' taghhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara ċ- ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-ħin w il-lokalita' tal-inċident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel. Naturalment, sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema każ, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Għall-finijiet ta' piena, il-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluż fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriż u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluż." (**ara The Police vs Charlotte Chamberlain**[15]);'* (Dettalji tas-sentenza kif citata jinsabu fin-noti ta' qiegh il-pagna).

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Zammit[16]** gie kkunsidrat li:

'*U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali* ***Il- Pulizija v. Mario Gellel*** *deċiż fid-19 ta' Frar 2004:*

*"...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim.* ***Pul. vs Charles Bartolo***[17]*, 14.3.59,* ***Pol. vs Wilson***[18] *u* ***Pul. vs Alfred Vella***[19]*) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim.* ***Pul. vs Hardingham***,[20]*). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim.* ***Pul. vs Charles Farrugia***[21]*). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim.* ***Pul. vs Joseph Aquilina***,[22]*). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul. vs***

---
[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-21 ta' Mejju, 1996
[16] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Jannar, 2016 (Appell Numu: 249/13 DS)
[17] Deciza fl-14 ta' Marzu, 1959
[18] *Vol. XXXIX iv. 1018*
[19] *Vol. XLIV, p. 933*
[20] Deciza fid-19 ta' Ottubru, 1963
[21] *Vol. XXXIX iv.9 78*
[22] Deciza fl-20 ta' April, 1963

***Antonio Spiteri***[23]*)".*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti u dettalji tas-sentenzi citati f'dan il-bran jinsabu fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Jonathan Ferris) Vs Jesmond Micallef'**[24]' *Huwa dmir ta' kull sewwieq illi jkollu attenzjoni shiha fis-sewqan tieghu meta jkun fit-triq u allura illi l-hin kollu izomm a proper lookout.*'

Dwar il-kwistjoni jekk sewqan huwiex perikoluz, fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. M. Buttigieg) Vs Mario Gellel'**[25] gie kkunsidrat:

'*Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali :* ***"Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes"***[26]*:-*

*"Sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni tan-normi regolamentari , imma ma hemmx bzonn li l-manuvra tikkonkreta ruha f' konsegwenzi dizastruzi . Il-Ligi in tema ta' sewqan perikoluz , tikkuntenta ruha bil-perikolu potenzjali u ma tridx il-perikolu tradott fir-realta"*' (Dettalji tas-sentenza citata jinsabu fin-nota ta' qiegh il-pagna)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Manwel Mallia'**[27] fost kunsiderazzjonijiet ohra dwar id-differenza bejn sewqan negligenti u sewqan perikoluz gie kkunsidrat li:

'*Din il-Qorti kellha ta' spiss okkażjoni tgħid li kriterju fiss bejn sewqan "negligenti" u sewqan "perikoluz" ma hux faċli li jiġi stabbilit; kif lanqas ma jista' wieħed jagti definizzjoni preċiża ta' sewqan perikoluż. Il-kwistjoni hi kollha, kif dejjem qalu l-Qrati, f'din il-materja, waħda ta' "degree"; u kull każ għandu l-fattezzi tiegħu;*

*Issa, fil-każ preżenti, kieku l-imputat qabeż karozza u char-a-banc f'kolp wieħed, din il-Qorti ma kienetx teżita tgħid li dan hu sewqan perikoluż fiċ-ċirkostanzi tal-każ; imma, peress li l-Qorti addottat il-versjoni l-aktar żgura u beninja li kienhemm biss ix-char-a-banc li ġie maqbuż, allura*

---

[23] Vol. XLIV iv. 892
[24] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Ottubru, 2019 (Appell numru: 163/2017)
[25] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Frar, 2004 (Appell Kriminali numru: 202/2003)
[26] [3.5.1953] (Vol. XXXVII. iv. p. 1108)
[27] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Marzu, 1959

*l-konklużjoni ma hijiex ugwalment ċerta. Din il-Qorti, wara li rriflettiet, taħseb li fil-każ kien hemm "over-taking" li jikkostitwixxi sewqan negliġenti; għaliex dan kien negliġenti per se', u negliġenti wkoll għax kien jimplika l-vjolazzjoni ta' diversi regolamenti stradali statorji, imma ma taħsebx li l-każ hu biżżejjed gravi li jġib sewqan perikoluż;'*

Mill-provi ma jirrizultax li l-appellant kien ghaddej b'speed eccessiv filfatt huwa ma giex akkuzat b'dan. Elizabeth Chetcuti ma tallegax li l-appellant kien ghaddej bi speed qawwi izda tghid li baqa hiereg quddiemha filwaqt li hi kienet niezla n-nizla. Ghalkemm l-appellant fix-xhieda tieghu jghid li '*Jiena w hiereg waqaft biex nara li xejn ma kien tiela' minn isfel u xejn mhu niezel minn fuq.*' u li f'daqqa wahda '*mad-daqqa u l-hin li jiena hiereg nara karozza qed tispidja l-isfel in-niezla, daret minn mieghi, marret is-side l-ohra w waqaft ftit l-isfel.*' u jghid li ma kienx ghaddej bi speed qawwi anzi '*b'massimu ta' 4, 5 kilometri fis-seigha biex nohrog il-barra, itla' it-tela', ma nistax nispidja beix jiena nitla' t-tela' halli naqsam in-naha tal-karregjata l-ohra.*' filwaqt li jallega li s-sewwieqa l-ohra kienet ghaddeja b'*25 kilometru nizla n-nizla.*' ma jfissirx li ghax persuna ma tkunx ghaddeja b'velocita' eccessiva, is-sewqan taghha ma jkunx perikoluz u cioe' ta' periklu ghal haddiehor anke jekk potenzjalment. Ma hemm xejn li jindika li Elizabeth Chetcuti kienet ghaddeja b'velocita eccessiv filfatt mhux biss ma gietx mistoqsija dwar l-ispeed li kienet ghaddejja bih izda in oltre' hadet azzjoni immedjata u f'waqtha u irnexxiela tevita incident meta l-appellant baqgha hiereg.

Din il-Qorti tqis li minkejja li mhijiex issib htija tar-raba' imputazzjoni li tirrigwarda s-sewqan kontra sinjal tat-traffiku, l-appellant ma hax il-prekawzjoijiet kollha qabel ma hareg mit-triq in kwistjoni ghal gewwa t-triq li minnha kienet ghaddeja Elizabeth Chetcuti, certament li ma zammx proper look out qabel ma ddecieda li jibqa' hiereg fit-triq u anke fixkel l-andament tat-traffiku. In oltre koncess minnu li ghamel U-turn u mar fuq l-istop sign, huwa kellu jaccerta ruhu li t-triq kienet vakanti u li kien sikur li johrog. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li ma hemmx dubju li s-sewqan tal-appellant mhux biss kien traksurat stante li ma zamx proper lookout izda anke kien bla kont u anke perikoluz tant li baqa hiereg ghat-triq li kienet ghaddejja minnha Elizabeth

Chetcuti u li kieku mhux ghax is-sewwieqa l-ohra u cioe' Elizabeth Chetcuti ma haditx azzjoni immedjata kien jsehh incident. Kif iddikjara x-xhud okulari Pc 282 Adrian Mackay '*Din l-istess vettura x'hin waslet kantuniera ma triq il-Qaliet kienet ha tahbat ma vettura ohra, liema kolluzjoni ma sarietx ghaliex is-sewwieqa tal-vettura l-ohra li kienet niezla minn triq il-Qaliet kienet mohha hemm bizzejjed biex fil- pront waqqfet il-vettura taghha biex ma tahbatx mieghu.*' Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li x'seta gara u x'seta sehh kif qal fl-affidavit il-kuntistabbli u kif xehdet Elizabeth Chetcuti huma ipotetici u irrelvanti ghal kaz odjern u dan stante li ghal kuntrarju ta' dan gie ppruvat li li kieku Elizabeth Chetcuti ma ghamlitx manuvra sabiex tevita lill-appellant li qabad u hareg mit-triq fil-genb kien isehh incident u ghalhekk il-potenzjalita' ta' incident konsegwenza ta' sewqan perikoluz kien reali.

Din il-Qorti filwaqt li tiskarta fejn il-Qorti ghamlet referenza ghal sewqan kontra s-sinjal tat-traffiku stante li din il-Qorti mhijiex issib htija ta' dik l-imputazzjoni, izda taqbel mal-Ewwel Qorti li '*s-sewqan kien wiehed bla kont u perikoluz ghaliex it-traskuragni kienet tant kbira illi sahansitra kien ta' periklu serju ghat-terz, tant illi li kieku t-terz ma' kienetx pronta sabiex taghmel manuvra evasiva, li filfatt ghamlet, kienet issir kollizjoni bejn iz-zewg vetturi*.' Ghalhekk din il-Qorti tikkonkludi li l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment issib li l-ewwel tlett imputazzjonijiet dwar sewqan traskurat, bla kont u perikoluz gew ampjament ippruvati u ma taqbilx li l-appellant irnexilu jipprva sal-grad tal-probabli li huwa kien qieghed isuq sewqan li ma kienx ta' periklu, li kien bil-kont u minghajr traskuragni. Ghalhekk ma tqis li ghandha tvarja d-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmulha mill-Ewwel Qorti in kwantu l-ewwel tlett imputazzjonijiet.

Ikkunsidrat;

Kwantu l-piena, l-appellant jitlob li piena ghandha tkun iktar idonea u tapplika ghal kaz in ezami. Li s-sospnezjoni tal-licenzja mhijiex se tghin lill-imputat sabiex ikompli fil-hidma tieghu tax-xoghol u li ghandu bzonn il-vettura biex iwassal lil genituri tieghu

l-isptar jew ghand it-tabib tal-familja u li  missier l-appellant huwa bniedem b'dizabilita' permanenti u bi problemi kbar ta' mobilita. In oltre' jghid ukoll li l-appellant ghandu *acute asthma* u ghandu bzonn il-licenzja biex ikun jista jsuq, li anke ghandu parkegg specjali x-xoghol minhabba l-kundizzjoni tieghu.

Dwar dan, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija Spettur Frans Micallef Spettur Spiridione Zammit Vs Mario Mifsud'**[28] fejn gie kkunsidrat li:

'*Minbarra l-ewwel argument, l-appellant ressaq ukoll ilment illi huwa jiddependi hafna mis-sewqan minhabba problemi illi ghandu familjari fis-sens illi qed irabbi wahdu zewgt itfal minuri u li wiehed minnhom ibaghti minn autism akuta u ghalhekk ghal dak li jirrigwarda s-sospensjoni tal-licenzja ser jaghmel il-hajja tal-appellant ferm difficli anke minhabba li l-aktar li ser ibaghtu minn din il-piena huma t-tfal minuri illi jiddependu b'mod assolut fuq l-appellant. Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi dan l-ahhar ilment tal-appellant jista' jigi milqugh peress illi l-qrati taghna dejjem argumentaw illi persuna li jiddependi mis-sewqan ma jintitolahx illi jmur kontra l-ligi. Fil-kawza "Il-Pulizija versus Paul Azzopardi" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Awwissu 2006 intqal illi l- fatt li driver ikun jiddependi mis-sewqan ghall-ghejxien tieghu ... "ma jintitolax lil din il-Qorti li tmur kontra l-ligi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja, ghax kieku kellu jsir hekk, dan ikun ifisser li min l-aktar irid joqghod attent fis-sewqan tieghu ghax ikun isuq il-hin kollu, ghandu xi immunità mill-kastig meta jinqabad isuq hazin." Kif già nghad il-Qorti applikat l- iskwalifika fil-minimu taghha dovut mhux ftit ghall-fatt illi l-appellant ammetta fi stadju bikri tal- akkuzi migjuba kontra tieghu.*'

Din il-Qorti tenut kont tal-fatt li qieghda tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti sabet htija tar-raba' (4) imputazzjoni izda qieghda tikkonferma l-htija tal-ewwel tlett imputazzjonijiet, sejra tqis jistax ikun hemm mitigazzjoni fil-piena.

Stante li din il-Qorti qieghda tikkonferma l-htija ta' sewqan perikoluz, *ai termini* tal-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, is-sospenzjoni tal-licenzja hija

[28] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminai fit-2 ta' Ottubru, 2014 (Appell Kriminali Numru: 1/2014)

tassattiva u dan ghal perjodu minimu ta' tlett (3) xhur. Din il-Qorti sejra ghalhekk tirrevoka fejn il-Qorti ordnat is-sospenzjoni tal-licenjza ghal zmien tlett (3) xhur u gimghatejn u minflokk tordna s-sospenzjoni tal-licenzja ghal minimu permess mill-ligi u cioe' tlett (3) xhur. In oltre' skont is-sitt skeda tal-legislazzjoni sussidjarja 65.18, l-inqas ammont ta' punti ta' piena li jistghu jigu imposti huwa dak ta' tlett (3) punti ghal sewqan traskurat, negligenti jew perikoluz. Din il-Qorti sejra in oltre' tenut kont li qiegdha tirrevoka fejn instabet htija tar-raba' (4) imputazzjoni, tnaqqas il-multa imposta minn tlett mitt ewro (€300) ghal mitejn ewro (€200).

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' limitatament l-appell u filwaqt li tikkonferma fejn il-Qorti fis-sentenza appellata sabet lill-appellant hati tal-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet u ma sabitx lill-appellant hati tal-hames (5) imputazzjoni, tirrevoka u thassar fejn l-appellant instab hati tar-raba' (4) imputazzjoni u miflokk tilliberah minnha. Thassar u tirrevoka fejn il-Qorti iskwalifikatu milli jzomm il-licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett xhur u gimghatejn u minflokk tiskwalifikah milli jzomm il-licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur minn nofs il-lejl tal-lum u *ai termini* tar-regolament 78 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 tikkonferma l-ordni sabiex l-appellant immedjatament jghaddi l-istess licenzja lill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta.

Din il-Qorti tirrevoka fejn il-Qorti ikkundannat lill-appellant ihallas multa komplessiva ta' tlett mitt ewro (€300) u fejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat li din tithallas ratealment fuq medda ta' sitt' xhur b'pagmenti mensili ta' hamsin ewro il-wiehed (€50) u sejra minflokk tikkundanna lill-appellant ihallas multa ta' mitejn ewro (€200), liema multa ghandha bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tithallas ratealment fuq medda ta' erba' xhur permezz ta' pagmenti mensili ta' hamsin ewro il-wiehed (€50). Jekk ma jsirx il-hlas ta' xi wahda mir-rati, l-ammont shih li jkun fadal ghandu jkun dovut u jithallas minnufih u,

fin-nuqqas ta' tali hlas, il-bilanc tal-ammont dovut ghandu jkun awtomatikament konvertibbli fi prigunerija minghajr il-htiega ta' ebda att gudizzjarju iehor.

In oltre', din il-Qorti tikkonferma l-ordni tal-Ewwel Qorti maghmulha skont ir-regolament 36B u s-Sitt Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 tal-Ligijiet ta' Malta fejn imponiet penali ta' tlett (3) punti fuq il-licenzja tas-sewqan tal-imputat, liema punti ghadhom jigu mnizzla fid-database komputerizzata mizmuma ghal dan il-ghan mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur